MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 320/2007

**Alexander Theuma *sive* Teuma (ID: 147079 M)**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors mahluf ta' Alexander Theuma *sive* Teuma datat 22 ta' Marzu 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

1. Illi r-rikorrenti twieled fil-5 ta' Marzu 1979 u t-twelid tieghu gie rregistrat fir-Registru Pubbliku b'Att ta' Twelid bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni wiehed erbgha sebgha zero tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (1470/1979) – kopja ta' liema Att huwa anness u mmarkat bhala Dok. "AT 1";

2. Illi fl-imsemmi Att ta' Twelid jezisti zball fis-sens illi kunjom ir-rikorrenti gie erronjament imnizzel bhala "THEUMA", meta fil-fatt kujomu, u dak ta' l-antenati kollha tieghu fil-linja paternali (hekk kif jirrizulta mill-kopja ta' l-arblu tar-razza anness u mmarkat bhal Dok "AT 2" huwa "TEUMA";

3. Illi fl-imsemmi Att ta' Twelid jezistu zewg zbalji ohra fis-sens illi kunjom missier ir-rikorrent, Anthony Teuma (ID: 967845M), u ta' nannuh Giovanni *sive* John Teuma (ID: 280320M) huwa wkoll erronjament imnizzel bhala "THEUMA", mentri kunjomhom it-tnejn huwa fil-fatt "TEUMA", hekk kif jirrizulta mill-estratti rispettivi ta' l-Atti ta' Twelid taghhom – kopja annessi u mmarkati bhala Dok. "AT 3" u Dok. "AT 4" rispettivament;

4. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku illi l-izball in kwistjoni kien wiehed purament dattilografiku illi zviluppa ghall-ewwel darba fl-Att ta' Twelid tar-rikorrent u qatt qabel fil-linja paternali;

5. Illi dan l-izball huwa rifless ukoll fuq il-Karta ta' l-Identita` tar-rikorrenti (Dok. "AT 5"), u kull dokument iehor pubbliku li juri l-istat civili tar-rikorrenti.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talab l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikkjara illi jezistu tliet zbalji fl-Atti tat-Twelid bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni wiehed erbgha sebgha zero tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (1470/1979), in kwantu l-kunjom ta' Anthony Teuma (ID: 967845M), Giovanni *sive* John Teuma (ID:280320M) u tar-rikorrent Alexander Teuma (ID: 147079M) huwa erronjament imnizzel bhala "THEUMA" mentri ghandu fil-fatt ikun "TEUMA";

2. Tordna lill-konvenut sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni wiehed erbgha sebgha zero tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (1470/1979) u dan billi kull fejn jidher il-kunjom "THEUMA"

fuq dan l-Att, dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom “TEUMA”;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi a fol. 3 sa fol. 11 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Mejju 2007.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Tar-Registru Pubbliku datata 11 ta’ April 2007 a fol. 17 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur rigward t-talba ghall-tibdil fil-karta ta’ l-Identita` rikjest mir-rikorrenti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-**suespost, ir-rikorrenti jehtieg illi jispecifika *ai termini* ta’ l-artikolu 253 (3) tal-Kap 16** liema atti ta’ l-istat civili u dan b’indikazzjoni tan-numru ta’ l-att u s-sena relattivi taghhom illi r-rikorrenti qieghed jitlob li jigu registrati;

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhumiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument anness a fol. 18 u 19 tal-process.

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta’ Marzu 2007.

Rat l-ordni tal-Qorti tat-3 ta’ Mejju 2007 u l-verbal tas-seduta mizmuma fil-5 ta’ Ottubru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Michael Zammit Maempel ghall-attur prezenti u Dr. Roma D’Alessandro ghall-konvenut. Dr. Zammit Maempel talab korrezzjoni fejn irtira t-tielet talba attrici. Il-Qorti laqghet it-talba. Dr. Roma D’Alessandro tat ruhha b’notifikata bl-atti kif korretti. L-attur ikkonferma bil-gurament tieghu r-rikors guramentat. Dr. Roma D’Alessandro u Dr. Zammit Maempel irrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-31 ta’ Otturbu 2007.

## II. **KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta’ l-attur numru 1470/1979 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem u ghadu maghruf bil-kunjom *“TEUMA”* u mhux *“THEUMA”* kif indikat fl-istess certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kkontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mill-arblu tar-razza esebit a fol. 6 tal-process, mic-certifikat tat-twelid ta’ missier l-attur Anthony Teuma Certifikat Nru 9678/1945 (a fol. 7), u mic-certifikat tat-twelid tan-nannu patern ta’ l-attur Giovanni sive John Teuma Certifikat Numru 2803/1920 (a fol. 8). F’dawn kollha l-kunjom huwa “TEUMA”. Illi fil-fatt jihder li fic-certifikat tat-twlied ta’ l-attur hemm ghalhekk zball fis-sens li minflok il-kunjom Teuma gie ndikat il-Kunjom Theuma u dan anke fejn jirrigwarda id-dettalji fl-istess certifikat ta’ missieru u nannuh, kif hawn premess. Ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba attrici kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, inkwantu l-

istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-premess, **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fir-rikors guramentat, b'dan li:-

1. Tiddikkjara illi jezistu tliet zbalji fl-Atti tat-Twelid bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni wiehed erbgha sebgha zero tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (1470/1979), in kwantu l-kunjom ta' Anthony Teuma (ID: 967845M), Giovanni sive John Teuma (ID:280320M) u tar-rikorrent Alexander Teuma (ID: 147079M) huwa erronjament imnizzel bhala "THEUMA" mentri ghandu fil-fatt ikun "TEUMA";

2. Tordna lill-konvenut sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni wiehed erbgha sebgha zero tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (1470/1979) u dan billi kull fejn jidher il-kunjom "THEUMA" fuq dan l-Att, dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "TEUMA";

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess rikorrent, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-intimat odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------